# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 17**

**Rikors numru 97/2013/4 AGV**

**Z1 (K.I. 405464M)**

**v.**

**Z2 (K.I. 84370M)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tal-14 ta' Frar, 2025, magħmula mill-attur Z1 taħt is-**subinċiżi (e), (f), (ġ), (i)** u **(l) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti, b'sentenza mogħtija fl-14 ta' Novembru, 2024, wara li tiġi mħassra l-istess sentenza.

**Daħla**

2. Il-partijiet kienu żżewġu fit-28 ta' Ottubru, 1989 u għandhom żewġt itfal maġġorenni.

3. B'rikors maħluf tal-20 ta' Mejju, 2013 l-attur fetaħ proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u talabha:

> *«a) Illi l-kontendenti konjuġi Z b'referenza għaż-żwieġ ta' bejniethom li seħħ fil-Parrocca ta' San Duminku fil-Belt Valletta nhar it-28 ta' Ottubru, tal-1989 u debitament iċ-ċertifikat awtentikat tal-istess żwieġ huwa esibit fir-Raba' Taqsima tal-Kawża odjerna bħal Dokument MM 4, tali żwieġ relatat mal-konjuġi kif indikati* ***Z*** *għandhom jiġu ddikjarati legalment mifruda permezz ta' Sentenza u b' hekk jintemm għall-effetti kollha Ċivili, l-obbligu ta' bejniethom illi jgħixu flimkien: Artiklu 35, sub-artiklu 1, Kapitlu 16.*
>
> *b) Il-Konvenuta / Intimata Z2 għandha tiġi unikament miżmuma responsabbli għal adulterju ma' diversi rġiel kif jirriżulta fil-mori tal-kawża u a bażi tal-provi kollha mressqa u kwindi waħda mir-raġunijiet għala r-Rikorrenti / Attur* ***Z1*** *qed jitlob il-firda: Artiklu 38 tal-Kapitlu 16.*
>
> *c) L-Intimata / Konvenuta għandha tiġi misjuba wkoll li kisret l-Artiklu 39 tal-Kapitlu 16 abbażi ta' attijiet ta' vjolenza domestika u li abbażi tagħhom l-Intimata / Konvenuta għandu jinħareġ kontra tagħha ordni ta' protezzjoni taħt l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u anke ordni ta' trattament taħt l-Artiklu 412D tal-Kodiċi Kriminali u dana skont id-direttivi li jemanixxu mill-Artiklu 39 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *d) L-Intimata / Konvenuta għandha tiġi ddikjarata li kisret vjolentement l-Artiklu 40 tal-Kapitlu 16 minħabba l-eċċessi, il-moħqrija, it-theddid jew l-offiżi gravi tagħha kontra r-Rikorrenti / Attur żewġha kif ukoll anke kontra xi wieħed jew waħda miż-żewġ uliedhom u anke minħabba li l-ħajja flimkien m'għadhiex iktar possibli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabilment: Artiklu 40 tal-Kapitlu 16.*
>
> *e) L-Intimata / Konvenuta għandha formalment waqt li tkun miexja din il-Kawża u a bażi ta' separazzjoni separata li sejra ssir tintalab mill-Qorti biex ma tibqax toqgħod fid-dar taż-żwieġ tul il-perjodu li tkun miexja l-kawża: Artiklu 46 tal-Kapitlu 16.*
>
> *f) Fi żmien li tkun miexja l-kawża tal-Firda, l-Intimata / Konvenuta għandu jiġi preċiżat lilha li ma hija intitolata għall-ebda manteniment u dana minħabba l-adulterju u l-vjolenza domestika tagħha apparti minn raġunijiet oħra*

*konsiderando li hija l-istess Intimata / Konvenuta li l-Qorti qiegħda tintalab biex tikkonferma li hija kienet il-ħtija unika għat-tifrik irrimedjabilment ta' dan iż-żwieġ: Artiklu 46A.*

*g) L-Intimata / Konvenuta Z2 għandu jkun applikat fil-konfront tagħha l-Artiklu 48 fl-intier tiegħu tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u partikolarment 48, sub-artiklu 1, subinċiż (a) (b) (ċ) u (d).*

*h) Din il-wisq Onorabbli Qorti għandha tapplika fid-diskrezzjoni tagħha l-Artikoli 51, 52, u 53 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront u kontra l-Intimata / Konvenuta.*

*i) B'referenza għall-Artiklu 54 tal-Kodiċi Ċivili l-Qorti għandha tikkjarifika li l-obbligu tal-manteniment da parti tar-Rikorrenti / Attur **Z1** għandu jitwaqqaf definittivament mas-Sentenza u dana minħabba li l-Intimata / Konvenuta a bażi tal-provi li jirriżultaw u skont il-Liġi ma hija intitolata għal ebda forma ta' retta alimentari u lanqas għal xi forma ta' għarfien li hija tkun ħadet ħsieb id-dar jew ħsieb ir-Rikorrenti / Attur jew tat kas tat-trobbija taż-żewġ ulied sakemm dawn saru maġġorenni.*

*j) Illi għandhom ikunu applikati fid-diskrezzjoni tal-Qorti però fil-konfront tal-Intimata / Konvenuta s-sub-artikli in parte jew kollha tal-Artiklu 54 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta ossia illi d-disa' sub-artikli jkunu kollha koperti skont iċ-ċirkustanzi.*

*k) Għandu jkun applikat l-artiklu 55, sub-artiklu 1 sa sub-artiklu 8 tal-Kapitlu 16 u tiġi ddikjarata xolta l-Komunjoni tal-Akkwisti bejn il-kontendenti konjuġi b' mod illi l-Intimata / Konvenuta m'għandha tingħata ebda sehem mill-Komunjoni tal-Akkwisti u dan għal ragunijiet bi provi u dokumenti li jkunu rriżultaw fil-mori tal-kawża.*

*l) Għandu jkun applikat l-Artiklu 55A tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens illi r-Rikorrenti / Attur għandu jibqa' joqghod fid-dar taż-żwieġ, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, sas-Sentenza definittiva fejn imbagħad il-Qorti tiddikjara, tidderieġi u tordna eżatt a bażi tal-provi li tkun xtarret, semgħet, evalwat u ddeċidiet fuqhom x'sejjer jiġri mid-Dar Matrimonjali fl-Imtarfa a bażi tal-Kuntratt esibit u indikat bħala Dokument MM 6 fir-Raba' Taqsima tal-Kawża odjerna.*

*m) Illi a bażi tad-deċiżjoni tal-Qorti skont kif tirriżulta, il-Qorti hija mitluba biex tuża d-diskrezzjoni tagħha fir-rigward tad-diversi sub-inċiżi tas-sub-artiklu 1 ta' l-Artiklu 55A kif ukoll is-sub-artikli 2 u 3 fid-diskrezzjoni tal-Qorti.*

*n) Għandu jkun applikat l-Artiklu 62, sub-artiklu 2 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens illi l-Intimata / Konvenuta għandha tiġi projbita milli tkompli tuża l-kunjom **Z** wara l-Firda Legali, peress illi l-użu ta' dak il-kunjom jista' jkun ta' preġudizzju gravi lir-raġel u allura l-Intimata / Konvenuta għandha tiġi ordnata tirriverti għal kunjom xbubitha **Borg.***

*0) Għandhom jkunu applikati l-Artikoli 62A kif ukoll l-Artiklu 66 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dana biex jiġu salvagwardati wkoll l-interessi personali tar-*

*Rikorrenti / Attur **Z1** u jiġu mħarsa jekk ikun il-każ l-interessi ta' terzi.*

*p) Għandhom jingħataw dawk il-provvedimenti u direttivi appositi li l-Qorti jidhrilha xieraq u ġust li tagħti u tordna a bażi tat-talbiet kif hawn fuq suesposti inkluż ukoll in-nomina ta' Periti nominandi jekk ikun il-każ bħal pereżempju fejn tidħol ir-residenza matrimonjali u anke persuni li jinħatru bħala Kuraturi Deputati fl-eventwalità li l-Intimata / Konvenuta tibqa' Kontumaċja.*

*q) L-Ispejjeż kollha ġudizzjarji u extra ġudizzjarji, atti direttament u / jew indirettament konnessi ma' din il-Kawża jew proċeduri abbinati direttament u / jew indirettament ma' din il-Kawża għandhom kollha jiġu sopportati mill-istess Intimata / Konvenuta u fin-nuqqas ta' dan li jekk ikun hemm xi assi li l-Qorti jidhrilha minkejja t-talbiet kif hawn fuq suesposti li għandhom jiġu assenjati lill-Intimata / Konvenuta, tali assi jittieħdu biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż enormi li r-Rikorrenti / Attur kien kostrett li jagħmel mhux biss biex saru dawn il-proċeduri imma tul medda ta' snin kif ġie mfisser u ġie spjegat fil-mori ta' din il-Kawża.»*

4. Il-konvenuta ressqet ir-risposta maħlufa tagħha fil-11 ta' Frar, 2014 u eċċepiet:

*«1. Illi preliminarjament, l-eċċipjenti taqbel li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, iżda għal dawk ir-raġunijiet unikament attribwibbli lir-rikorrent, u mhux a bażi tal-allegazzjonijiet kollha mqanqla mill-istess rikorrent fir-rikors ġuramentat odjern.*

*2. Illi l-eċċipjenti topponi t-tielet talba attriċi bħala infondata fil-fatt u fid-dritt, billi kien propju r-rikorrent li kiser l-Artikolu 39 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u semmai l-ordni ta' protezzjoni taħt l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u l-ordni ta' trattament taħt l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali għandhom jiġu applikati kontra r-rikorrent.*

*3. Illi ma teżisti ebda raġuni għala din il-Qorti għandha tiddikjara li l-eċċipjenti kisret l-artikolu 40 tal-Kapitolu 16, liema artikolu ġie vjolat mir-rikorrent.*

*4. Illi lanqas ma jeżistu ċirkostanzi għala r-rikorrent għandu jingħata d-dritt ta' abitazzjoni fil-fond matrimonjali. Iż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment minħabba li r rikorrent irrenda ruħu ħati lejn l-eċċipjenti ta' vjolenza, swat, adulterju, eċċessi, sevizzi, inġurji gravi u minaċċi u għalhekk huwa r-rikorrent li għandu jiġi ordnat sabiex b'mod definittiv jallontana ruħu minn dan il-fond. In effetti, r-rikorrent issa ilu żmien twil li abbanduna d-dar martimonjali.*

*5. Illi s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48, 51, 52, 53, 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jiġu applikati kontra l-eċċipjenti,liema sanzjonijiet però għandhom jiġu applikati fil-konfront tal-istess rikorrent.*

*6. Illi anqas ma teżisti raġuni għala l-artikolu 54 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jiġu applikati kontra l-eċċipjenti, liema dispożizzjoni għandha wkoll tiġi applikata fil-konfront tar-rikorrenti.*

*7. Illi l-eċċipjent taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet tiġi ddikjarata xolta u li din tiġi diviża bejn il-kontendenti, bl-eventwali bejgħ b'liċitazzjoni ta' dak kollu li mhuwiex kommodament diviżibbli, u bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji, u dana kollu okkorrendo bl opera ta' perit nominand, u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapreżenta lir-rikorrent fl-eventwali kontumaċja fuq l-istess att, dana illi kif ġa ingħad ma teżisti l-ebda raġuni għala s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta ċitati mir-rikorrenti billi akkwist magħmul bix-xogħol u bil-ħila tal-esponenti. In oltre din l-Onorabbli Qorti għandha tordna lir-rikorrent jirrestitwixxi lill-eċċipjenti l-beni u krediti parafernali u dotali tagħha.*

*8. Illi lanqas ma teżisti raġuni għala l-artikolu 54 tal-Kapitoli 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jiġu applikati kontra l-eċċipjenti, liema dispożizzjoni għandha tiġi applikata fil-konfront tar rikorrent.*

*9. Illi wkoll ma teżisti l-ebda raġuni għal din l-Onorabbli Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha fir-rigward tal-artikolu 62, sub-artikolu 2 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*10. Illi l-esponent topponi l-kumplament tat-talbiet tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*11. Illi l-ispejjeż tal-kawża odjerna għandhom jiġu sopportati b'mod esklussiv mir-rikorrent.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.»*

5. B'deċiżjoni tal-25 ta' Frar, 2016 il-Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett minn meta din issir ġudikat. Ma jirriżultax li sar xi appell minn dik id-deċiżjoni.

6. Imbagħad b'sentenza mogħtija fl-20 ta' Ottubru, 2022, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), iddeċidiet hekk:

*«1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi;*
*2. Tilqa' t-tieni talba attriċi;*

*3. Tiċħad it-tielet talba attriċi stante li ma ġewx segwiti l-proċeduri kkontemplati fl-artikolu 39 tal-Kap, 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*4. Tilqa' r-raba' talba ;*
*5. Tastjeni milli tieħu aktar konjizzjoni ta' dina t-talba stante li l-Qorti kienet awtorizzat lill-konvenuta sabiex tgħix fid-dar matrimonjali;*
*6. Tilqa' s-sitt talba attriċi stante li l-konvenuta ddikjarat li mhix qed titlob manteniment mingħand l-attur;*
*7. Tiċħad is-seba' talba attriċi;*
*8. Tiċħad it-tmien talba attriċi;*
*9. Tilqa' d-disa' u l-għaxar talba attriċi anke għaliex qatt ma kien hemm digriet ta' manteniment fil-konfront tal-konvenuta u kif ukoll il-konvenuta ddikjarat li mhix titlob manteniment mingħand l-attur;*
*10. Tilqa' in parte l-ħdax-il talba attriċi stante li l-Qorti kienet diġà ordnat it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett mis-sentenza tal-25 ta' Frar, 2016 li saret res judicata ;*
*11. Tichad it-tnax-il talba attriċi stante li d-dar matrimonjali u l-garaxx għandhom jinbiegħu sakemm xi parti mhix lesta li tixtri s-sehem tal-parti l-oħra ;*
*12. Tilqa' t-tlettax-il talba attrici ai termini tal-Artikolu 55A (1) (b) u (c) tal-Kap. 16 tal-Ligiijiet ta' Malta ;*
*13. Tiċħad l-erbatax-il talba attriċi u dan stante li l-Artikolu 62(a) tal-Kap. 16 jagħmilha fakoltativa u mhux tassativa li l-mara tirriverti għal kunjomha xebba kif ukoll għaliex l-artikolu 62(b) tal-istess Kap li fuqu qed jibbaża t-talba tiegħu l-attur in-nota trid issir mill-konvenuta qabel ma tingħata s-sentenza dwar jekk il-konvenuta hix ser tibqa' bil-kunjom ta' miżżewwġa jew hux ser tirriverti għall-kunjomha ta' xebba;*
*14. Tilqa' l-ħmistax-il talba attriċi ;*
*15. Tilqa' s-sittax-il talba attriċi u tinnomina lill-perit Godwin Abela jekk ikun il-każ, u kuraturi deputati tat-turn għall-eventwali kontumaċja ta' xi ħadd mill-partijiet.*

***Divorzju***

*L-attur ukoll ippreżenta rikors fejn talab li dan iż-żwieġ jinħall ai termini tal-Artikolu 66 A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Peress li jirriżulta li għaddew erba' snin de facto sseparati u li ma jirriżultax li hemm possibilità ta' rikonċiljazzjoni u lanqas hemm kwistjonijiet fuq ħlasijiet ta' manteniment, il-Qorti għandha tgħaddi biex tippronunzja l-ħall taż-żwieġ.*
*L-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati inkwantu għal terz mill-attur u żewġ terzi mill-konvenuta.»*

7. B'rikors tad-9 ta' Novembru, 2022 il-konvenuta appellat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u talbet lill-Qorti tal-Appell sabiex tvarja s-sentenza billi: (i) tiċħad it-tieni u r-raba' talbiet; u (ii) tħassar dik il-parti li ordnatilha sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' €59,266.18 bħala self mingħand MA; is-somma ta' €4,500

flimkien ma' kull bilanċ ieħor dovut lil BZ; u s-somma ta' €16,443.20 bħala self mingħand FB u tiddikjara li dawk l-ammonti mhumiex dovuti lill-attur.

8. L-attur ressaq ukoll appell b'rikors tad-9 ta' Novembru, 2022 u fost oħrajn talab lill-Qorti tal-Appell sabiex tvarja s-sentenza appellata billi lmenta: (i) li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tagħti l-jedd lill-konvenuta tressaq tweġiba maħlufa u għaldaqstant kienet kontumaċi; (ii) li l-Ewwel Qorti ma qratx is-sentenza; (iii) lmenta dwar dik il-parti tas-sentenza li ordnat il-ħall taż-żwieġ; (iv) li l-konvenuta m'għandhiex tibqa' tuża l-kunjom Z, u jeżisti preġudizzju serju li tkompli tuża dan il-kunjom; (v) li huwa ma kellux jibqa' barra mid-dar matrimonjali; (vi) li l-Ewwel Qorti ma tatx rimedju għad-dejn li qal li hemm u għalhekk saħaq li l-Ewwel Qorti kellha tordna li l-fond matrimonjali jiġi assenjat kollu lilu - dan billi saħaq li l-konvenuta għandha tagħtih somma ta' aktar minn €130,000 u magħha s-somma ta' €352,300; (vii) li l-kap tal-ispejjeż kellu jiġi varjat; u (viii) li fl-aħħar nett ressaq appell minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet is-seba' u t-tmien talbiet.

9. B'sentenza mogħtija fl-14 ta' Novembru, 2024 din il-Qorti b'Imħallfin differenti ddeċidiet:

> *«1.Tilqa' l-appell tal-attur biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet it-tmien talba tar-rikors maħluf u minflok tilqa' l-istess u tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-konsegwenzi li jissemmew f'Art. 48 tal-Kodiċi Ċivili. Għall-finijiet ta' paragrafu (ċ) tistabbilixxi Lulju 2012 bħala d-data meta l-konvenuta hi ħatja tal-firda. Spejjeż ta' dan l-appell jinqasmu inkwantu għal 85% l-attur, u 15% a karigu tal-konvenuta.*

*2.Tilqa' l-appell tal-konvenuta biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza appellata għal dak li ordnat l-Ewwel Qorti fir-rigward tad-dejn ma' FB, BZ u MA u minflok tordna lill-konvenuta sabiex fir-rigward ta' dawk id-djun tħallas b'kollox lill-attur is-somma ta' wieħed u sittin elf u erbgħin ewro (€61,040). Tordna wkoll li l-konvenuta għandha tħallas kwalsiasi bilanċ tad-dejn li jista' għad fadal ma' BZ, u f'każ li l-attur iħallas xi parti minn dak id-dejn ikollu jedd ta' rivalsa kontra l-konvenuta. Spejjeż ta' dan l-appell jinqasmu in kwantu għal 80% a karigu tal-konvenuta u 20% a karigu tal-attur.*

*Tordna lir-Reġistratur sabiex fi żmien tletin (30) jum mil-lum jinnotifika kopja awtentika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għall-finijiet ta' reġistrazzjoni skont il-liġi.»*

10. Ir-raġunijiet relevanti għall-azzjoni tal-lum li wasslu lill-Qorti tal-Appell biex tiddeċiedi b'dan il-mod kienu dawn:

*«43. <u>Bir-raba' aggravju</u> l-attur jilmenta li ma jridx li l-konvenuta tkompli tagħmel użu mill-kunjom Z, u hemm preġudizzju serju li tkompli tuża dak il-kunjom.*

*44. L-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk dwar it-talba numru erbatax tar-rikors maħluf:*

> *"13. Tiċħad l-erbatax-il talba attriċi u stante li l-Artikolu 62(a) tal-Kap. 16 jagħmilha fakoltattiva u mhux tassattiva li l-mara tirriverti għal kunjomha xebba kif ukoll għaliex l-artikolu 62(b) tal-istess Kap li fuqu qed jibbaża t-talba tiegħu l-attur in-nota trid issir mill-konvenuta qabel ma tingħata s-sentenza dwar jekk il-konvenuta hix ser tibqa' bil-kunjom ta' miżżewġa jew hux ser tirriverti għall-kunjom ta' xebba".*

*45. Mill-Art. 62(3) tal-Kodiċi Ċivili hu evidenti li l-attur kellu jedd jitlob lill-Qorti sabiex tiddeċiedi li l-konvenuta ma tibqax tuża kunjomha taż-żwieġ. Talba li tintlaqa' meta jkun hemm preġudizzju gravi għal dik il-parti li tagħmel it-talba. Fil-każ tagħna l-attur.*

*46. Il-partijiet kienu ilhom miżżewġin mit-28 ta' Ottubru 1989. Fir-rikors tal-appell l-attur ma qal assolutament xejn li jikkonvinċi lil din il-Qorti li jekk il-konvenuta tibqa' tagħmel użu mill-kunjom Z, ser ikun qiegħed ibati preġudizzju gravi.*

*47. Għaldaqstant, tiċħad il-ħames aggravju.*

*48. <u>Bil-ħames aggravju</u> l-attur jilmenta li bis-sentenza appellata baqa' barra mid-dar matrimonjali.*

*49. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ordnat il-bejgħ tal-fond matrimonjali u l-garaxx.*

*50. Mill-atti jirriżulta li l-konvenuta ppreżentat rikors fis-26 ta' Awwissu 2020 (fol. 1946) li bih inter alia talbet lill-Ewwel Qorti biex tawtorizzaha tgħix fid-dar matrimonjali bl-esklużjoni tal-attur. Fir-rikors qalet li l-attur kien qaċċat il-wires tad-dawl b'vendikazzjoni u kellha tidħol fi spejjeż biex tagħmel it-tiswijiet. Skont il-konvenuta dan sar iktar minn darba u saħansitra l-attur ħa s-salvavita. Imbagħad fit-tweġiba li ppreżenta fl-10 ta' Settembru 2020 (fol. 1975) qal li l-fond kien proprjetà tiegħu u dan kien jagħtih dritt li jagħmel li jrid. Saħansitra ħadha kontra l-electrician li għamel it-tiswija, għaliex skontu "ma kellu l-ebda dritt jagħmel xi xogħlijiet mingħajr il-kunsens tar-Rikorrent Attur". Argumenta wkoll li l-konvenuta ma kellhiex jedd tqabbad electrician biex jagħmel it-tiswija għaliex "mhijiex is-sid tal-meters u wisq anqas tal-konnessjonijiet ma' dawn il-meters li huma proprjetà tar-rikorrenti attur".*

*51. Evidenti li s-sitwazzjoni fil-fond matrimonjali ma kienet xejn feliċi u minn dak li qal l-attur fit-tweġiba, l-Ewwel Qorti altru milli kienet ġustifikata li tilqa' t-talba tal-konvenuta biex tibqa' tgħix fil-fond bl-esklużjoni tal-attur. Dan apparti li f'dokument mehmuż ma' affidavit li l-attur ippreżenta f'Settembru 2018 (fol. 1373) iddikjara hekk: "Minn Mejju 2015 sal-lum, jiena ma kontx qiegħed nabita fid-dar matrimonjali u għalhekk il-konsum kollu tad-dawl u ilma f'dan il-perjodu huwa responsabbiltà tal-intimata Z2…".*

*52. Għaldaqstant, tiċħad ukoll il-ħames aggravju tal-appell tal-attur*.

*53. Bis-sitt aggravju l-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti ma tatx rimedju għad-dejn li qal li hemm. Jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tordna li l-fond matrimonjali jiġi assenjat kollu lilu. L-attur isostni:*

> *"29….Illi S-SITT AGGRAVJU jirrigwarda d-debiti sostanzjali li l-Appellata Konvenuta inkorriet fir-rigward tar-Rikorrenti Appellanti u l-krediti sostanzjali li r-Rikorrenti Appellanti għandu favur tiegħu fil-konfront tal-Appellata Konvenuta. Illi mid-Dokumentazzjoni hawn mehmuża u konfermata bil-ġurament mir-Rikorrenti Appellanti, anki fl-Appendiċi ma' dan ir-Rikors tal-Appell Odjern ċjoè Dokumenti Dok APP_01 u Dok APP_02, jirriżulta manifestament illi hemm debiti anki konfermati mill-Ewwel Qorti, ammontanti għal eluf kbar ta' ewro, salv dejjem l-imgħaxijiet skont il-Liġi kalkulati bit-8% (tmienja fil-mija) u mibnija fuq il-bażi fiskali tal-interessi komputati, fejn ma hemm lanqas farka dubju illi l-Appellata Konvenuta hija kreditriċi (sic. recte* debitriċi*) tal-Appellanti Attur f'ammont li jeċċedi €130,000 (mija u tletin elf ewro) mingħajr imgħax u €352,300 (tliet mija, tnejn u ħamsin elf, tlett mitt ewro) bl-imgħax legali skont kif imfisser. Illi fuq dan l-ammont ma hemmx kontestazzjoni u saħansitra ġie rikonoxxut u approvat mill-Ewwel Qorti……*
>
> *29a. Il-gwaj hu li l-Ewwel Qorti ma tat ebda rimedju tal-ebda natura dwar kif ir-Rikorrenti Appellanti kien sejjer jirrikava dana d-dejn, dana d-debitu tal-Appellata fir-rigward tiegħu, meta l-Ewwel Qorti kellha rikjesti diversi drabi biex taħtar komputista………*
>
> *29ċ. Illi dana l-Aggravju, mela, jirrigwarda rimedji li l-Ewwel Qorti kellha tagħti għar-raġunijiet hawn imfissra, u li l-Ewwel Qorti sfortunatament ma indirizzatx b'soluzzjoni dina l-kwistjoni, għajr illi rreferiet għaliha, ikkumentat dwarha u rrikonoxxieta imma naqset kif (kienet obbligata) li tagħti rimedju. Allura ġie preġudikat ir-Rikorrenti Appellanti meta rimedju tanġibbli kien hemm li almenu*

*r-Rikorrenti Appellanti jiġi assenjat b'ordni tal-Qorti, soġġett għal ħatra ta' nutar pubbliku Malti, fejn sehem nofs indiviż tal-propjetà immobiljari appartenenti lill-Konvenuta Appellata jiġu trasferiti fis-stat ta' piena propjetà lill-Appellanti………".*

*54. Il-Qorti tibda billi tosserva li skont is-sentenza appellata l-kreditu li għandu l-attur fil-konfront ta' martu jikkonsisti fis-segwenti:*

*i. Dejn li għamlet ma' GM fl-ammont ta' €1,163;*

*ii. Dejn li għamlet ma' FB fl-ammont ta' €16,443, kif ukoll is-somma ta' €4,500 li ttieħdu mill-kont tal-attur;*

*iii. Is-somma ta' €59,266 b'referenza għad-dejn li għamlet ma' MA;*

*iv. Is-somma ta' €8,180 bħala sehemha mill-pagamenti li ħallas l-attur fir-rigward tal-house loan.*

*v. Is-somma ta' €1,516 sehemha mill-kontijiet tad-dawl u ilma li tħallsu mill-attur;*

*55. Fl-aggravju l-attur qal li m'hemmx farka dubju li l-konvenuta għandha tagħti lill-attur somma ta' iktar minn €130,000 u magħha s-somma ta' €352,300. L-Ewwel Qorti f'paġni 47 u 48 tat spjegazzjoni ta x'wassalha biex tiċħad it-talba tal-attur fir-rigward ta' dak li fis-sentenza hu deskritt bħala "i) Djun varji meta kienu għadhom in-Naxxar; ii) Serq mill-pouch - €5,500 u iii) ATM Dragonara". Wara li l-Qorti rat il-provi u l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti, taqbel mar-raġunament tagħha. Fir-rigward tal-imgħax, evidenti li l-attur qiegħed jispara ċ-ċifri, qiegħed jinsa li kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti, apparti l-fatt li kien hu li għażel li jidħol biex jagħmel tajjeb.*

*56. Il-Qorti żżid li ma ssib l-ebda bażi għalfejn l-Ewwel Qorti kellha tordna li l-fond matrimonjali jiġi assenjat lill-attur. It-titolu eżekuttiv li għandu jista' jiġi eżegwit bil-mod li tikkontempla l-liġi u ċertament mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li tgħidlu kif għandu jipproċedi.*

*57. Għalhekk tiċħad ukoll is-sitt aggravju.*

*58. <u>Is-seba' aggravju</u> hu dwar il-kap tal-ispejjeż. L-Ewwel Qorti qasmet l-ispejjeż inkwantu għal terz mill-attur u żewġ terzi mill-konvenuta.*

*59. Hu fatt li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-attur li l-firda seħħet tort tal-konvenuta minħabba eċċessi, moħqrija u inġurji gravi mill-konvenuta. Però wieħed ma jridx jinsa wkoll li l-attur ma ħariġx rebbieħ fit-talbiet kollha li ressaq. Hekk per eżempju kien hemm ammonti ta' flus li l-attur kien qiegħed jippretendi li l-konvenuta għandha tħallsu, u li l-Ewwel Qorti ċaħdet. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti mhijiex tal-fehma li għandha tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż.*

*60. Għaldaqstant, tiċħad l-aħħar aggravju.*

*61. Fl-aħħarnett fir-rikors tal-appell l-attur talab sabiex din il-Qorti tvarja dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet it-tmien talba, u li taqra:*

*"(h) Din il-wisq Onorabbli Qorti għandha tapplika fid-diskrezzjoni tagħha l-artikoli 51, 52 u 53 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront u kontra l-intimata/konvenuta".*

*62. It-talba tal-attur taqra hekk:*

*"62.1. Illi, dina l-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell għandha tapplika fil-konfront tal-Appellata l-Artikolu 48 fl-intier tiegħu tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ċjoè s-seba' (7) Talba Attriċi peress illi irriżulta manifestament id-diversi adulterji tal-Appellata u l-vjolazzjoni da parti tagħha tal-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif wara kollox ikkonfermat l-istess l-Ewwel Qorti imma imbagħad spiċċat biex ċaħdet is-seba' (7) Talba Attriċi. Illi, l-argumentazzjoni f' din it-talba għandha tiġi applikata wkoll għat-tmien (8) Talba Attriċi billi irriżultaw provi abbastanza dokumentati u verosimili li legalment iġġustifikaw li anki din it-tmien (8) talba kellha tintlaqa' mill-Ewwel Qorti."*

*63. Għalkemm m'hemmx aggravju dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet is-seba' u t-tmien talbiet tar-rikors maħluf, jibqa' l-fatt li hu evidenti li l-attur qiegħed jappella wkoll minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet is-seba' u t-tmien talbiet.*

*64. Fis-sentenza appellata ma ngħatatx raġuni għalfejn l-Ewwel Qorti ċaħdet dawk it-talbiet. Fil-każijiet fejn il-ħtija tal-firda huma l-adulterju jew l-abbandun, it-telfien ta' jeddijiet li jissemmew f'Art. 48, hi mandatorja. F'każijiet oħra t-telfien tal-jeddijiet li jissemmew f'Art. 48 tal-Kodiċi Ċivili hi mħollija għad-diskrezzjoni tal-Qorti (Art. 51 tal-Kodiċi Ċivili).*

*65. Fit-tweġiba maħlufa l-konvenuta qalet li s-sanzjonijiet li jissemmew f'Art. 48, 51,52, 53 u 55 tal-Kodiċi Ċivili, għandhom jiġu applikati fil-konfront tagħha kif ukoll tal-attur.*

*66. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li ż-żewġ partijiet huma ħatja ta' adulterju, però qalet ukoll li l-kaġun tal-firda ma kienx l-adulterju imma d-djun li għamlet il-konvenuta. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti hi tal-fehma li t-telfien tal-jeddijiet li jissemmew fl-Art. 48 tal-Kodiċi Ċivili min-naħa tal-konvenuta, b'applikazzjoni tal-Art. 51 tal-Kodiċi Ċivili, hi ġustifikata. Għal dak li jirrigwarda l-jedd tagħha għal nofs l-akkwisti li saru bil-ħidma tal-attur (Art. 48(ċ) tal-Kodiċi Ċivili), ser tordna li dik il-konsegwenza tapplika minn Lulju 2012. Dan meħud inkonsiderazzjoni li l-attur xehed li l-intimità ta' bejniethom waqfet għal ħabta ta' Lulju 2012 (fol. 300), u li juri li minkejja d-diffikultajiet li kien hemm fiż-żwieġ, b'xi mod jew ieħor kien għad hemm relazzjoni bejn il-partijiet.»*

11. Issa l-attur ressaq rikors fl-14 ta' Frar, 2025, għaliex qiegħed jgħid li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 2024 tiġi ritrattata skont is-**subinċiżi (e), (f), (ġ), (i)** u **(l) tal-**

**Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

12. Il-konvenuta ressqet tweġiba fid-19 ta' Mejju, 2025 u wara li ressqet il-preġudizzjali tan-nullità tar-rikors imressaq, tat ir-raġunijiet tagħha għala r-rikors għandu jiġi miċħud.

13. Inżammet seduta fit-22 ta' Mejju, 2025 li matulha l-avukati tal-partijiet ressqu s-sottomissjonijiet bil-fomm tagħhom, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni.

15. Dan ir-rimedju huwa mħolli li jsir biss fil-każijiet stabbiliti fil-liġi, liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija (ara s-sentenza ta' din il-Qorti, ***Rosa Fenech et v. Jane Cini et*** mogħtija fil-15 ta' Lulju, 2019).

16. Il-proċess tas-smigħ u t-trattazzjoni mill-ġdid ta' kawża deċiża fih żewġ fażijiet: l-ewwel it-tiftix tar-raġuni li tista' twassal għat-tħassir tas-sentenza mogħtija (*in rescindendo*); imbagħad, jekk din ir-raġuni tinstab, is-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-istadju li tkun waslet fih meta ngħatat is-sentenza li tkun

twaqqgħet (*in rescissorio*) (ara ***Paul Pisani et v. Emmanuel Custò***, Appell Superjuri tat-2 ta' Marzu, 2007). Dawn iż-żewġ fażijiet ma jistgħux jiġu deċiżi f'daqqa b'sentenza waħda, iżda għandhom jiġu deċiżi b'mod mifrud għaliex inkella jistgħu jqumu kwistjonijiet ta' ksur ta' smigħ xieraq (ara ***St. George's Park Company Limited v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu, 2014).

17. Għaldaqstant din is-sentenza se tidħol biss fl-ewwel fażi ta' din il-proċedura, ċjoè jekk hemmx raġunijiet siewja biex titħassar is-sentenza li ngħatat minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 2024.

18. Bħalma tajjeb ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha ***Mariano Vella v. Soċjetà Gourmet Company Limited*** mogħtija fit-28 ta' Marzu, 2006, sakemm din il-Qorti tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza li tagħha qed jintalab is-smigħ mill-ġdid, hija ma tista' bl-ebda mod tindaħal f'apprezzament favorevoli jew kuntrarju tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Qorti li tkun tat dik is-sentenza. Xogħol din il-Qorti *in rescindente* mhuwiex dak li tgħarbel mill-ġdid jekk hija taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti kienet waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza impunjata: xogħol din il-Qorti hu li tqis jekk tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi proċedurali maħsubin fil-liġi li bihom dik is-sentenza tista' titwaqqa'.

19. Dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet

f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur* (ara ***Charles Grech et v. Cecil Herbert Jones***, Appell Superjuri tal-14 ta' Diċembru, 2018).

20. Talba ta' ritrattazzjoni għalhekk mhix appell mis-sentenza f'dik il-kawża, bħalma lanqas ma hi okkażjoni oħra biex il-parti telliefa terġa' tressaq l-argumenti tagħha wara li dawk l-argumenti ma rebbħulhiex il-kawża (ara ***Herbert Baldacchino noe v. Cecil Pace et noe et***, Appell Superjuri tat-22 ta' April, 2004).

21. Meta nduru għall-każ tagħna, qabelxejn, trid tiġi mistħarrġa l-preġudizzjali ta' nullità mqajma mir-ritrattata li tinsisti li r-rikors huwa null billi hu nieqes minn talba sabiex is-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-14 ta' Novembru, 2024. Waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm, ir-ritrattand sostna li fil-bidu tar-rikors imressaq minnu huwa jgħid li s-sentenza msemmija għandha titħassar.

22. Bħala fatt, filwaqt li huwa minnu li r-ritrattand ressaq bosta raġunijiet għala, fil-fehma tiegħu, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell msemmija għandha titħassar (ara paragrafu 8 tar-rikors), madankollu minn titwila lejn il-parti konklussiva tal-istess rikors, ir-ritrattand ressaq ħafna talbiet iżda fl-ebda minnhom ma jitlob b'mod speċifiku t-tħassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Novembru, 2024. M'hemmx dubju li r-rikors u t-talbiet kif imressqa mhux

l-aħjar mod kif għandu jitressaq rikors bħal dak tal-lum. Madankollu, huwa aktar minn ovvju li r-ritrattand qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex qabelxejn tħassar is-sentenza tal-14 ta' Novembru, 2024 biex imbagħad l-appell tiegħu jinstema' mill-ġdid. L-istess ritrattata fehmet ukoll sew dak li qiegħed jintalab u wieġbet għall-istess mingħajr ebda problemi. Għaldaqstant ma ġarrbet l-ebda preġudizzju.

23. Din il-Qorti tqis li għandu jitħaddem hawnhekk dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru, 2022 fl-ismijiet ***H.S.B.C. Bank Malta plc v. Tal-Barrani Company Limited et,***

> *«Dan kollu meqjus, huwa minnu dak imtenni minn HSBC Bank Malta p.l.c. fir-risposta tagħha, li hemm xi sentenzi tal-qrati li jgħidu li r-rikors ta' ritrattazzjoni għandu jitqies bħala wieħed null u li ma jiswiex jekk fih ma jkunx hemm talba speċifika biex tiġi mħassra s-sentenza attakkata (ara fost oħrajn **Ronald Agius et v. Paul Portelli**, Appell Superjuri tas-27 ta' April, 2001, **Gaetano Fenech v. Maria Pisani**, Appell Superjuri tal-11 ta' Diċembru, 2002, **Savio Spiteri v. Eucharist sive Chris Cassar**, Appell Superjuri tat-28 ta' April, 2006 u **Miriam Frendo et v. Agatha Agius et**, Appell Superjuri tas-7 ta' Ottubru, 2008);*
>
> *Madankollu huwa minnu wkoll li fi żminijiet aktar qrib għal-lum, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Prokuratur Legali Joseph Zammit nomine v. Michael Fenech pro et noe** deċiża fil-31 ta' Awwissu, 2021 qalet li rikors għar-ritrattazzjoni m'għandux jitqies null, jekk minflok talba espressa biex tiġi mħassra s-sentenza, ikun hemm talba biex tinkiseb dikjarazzjoni li s-sentenza hija «ritrattabili». F'din is-sentenza ngħad li:*
>
> *"talba li saret għal dikjarazzjoni li s-sentenza "hija … ritrattabili" timplika talba għat-tħassir ladarba loġikament it-tħassir tas-sentenza huwa prerekwiżit għas-smigħ mill-ġdid tal-appell. Huma nuqqasijiet sostanzjali li jwasslu għas-sanzjoni ta' nullità, u mhux nuqqas ta' użu ta' kliem sakramentali.»*
>
> *Sewwasew fil-każ li għandna quddiemna, Fenech Estates Company Limited, ma wżatx il-kliem li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell għandha tiġi mħassra iżda wżat il-kliem li din is-sentenza hija «ritrattibili»;*

24. Għaldaqstant din il-preġudizzjali qiegħda titwarrab.

25. L-ilmenti tar-ritrattand, fi ftit kliem, huma li s-sentenza fiha bosta inkonsistenzi. Ir-ritrattand jilmenta prinċipalment dwar il-fatt li ġie ordnat li d-dar matrimonjali tinbiegħ u hu safa' mkeċċi minnha meta din nxtrat bi flusu u dejjem ħa ħsieb il-manutenzjoni tagħha. Jgħid li kien ressaq rikors nhar l-20 ta' Settembru, 2020 li ma ġiex degretat. Jisħaq ukoll li huwa għandu nofs indiviż tad-dar u anke r-ritrattata, biss però hija ma tista' tagħmel xejn bin-nofs indiviż tagħha billi b'mod abbużiv u illegalment għabbietu b'ipoteki. Għaldaqstant isostni li dan ifisser li hu impossibbli għalih li jbiegħ id-dar matrimonjali mingħajr ma jidħol fi proċeduri legali u bosta spejjeż. Dan apparti l-fatt li huwa ma jridx li d-dar matrimonjali tinbiegħ, iżda jrid li din tkun ir-residenza tiegħu, billi l-istess ritrattata hija midjuna lejh. Skontu, ir-ritrattata m'għandhiex biex tagħmel tajjeb għal dan id-dejn li huwa ferm ogħla mill-valur tan-nofs indiviż tagħha, b'mod li s-soluzzjoni t-tajba kellha tkun hija li tiġi ordnata titlaq mid-dar u n-nofs sehem indiviż tagħha jgħaddi għandu.

26. Ir-ritrattand jgħid li ż-żewġ qrati warrbu din is-soluzzjoni u l-ebda waħda minnhom ma tista' tiġi infurzata mingħajr huwa ma jiġi preġudikat bil-kbir. Dan meta huwa qiegħed barra minn daru, iħallas għal residenza oħra, waqt li l-konvenuta qiegħda tibqa' tgħix ukoll bi spejjeż tiegħu billi hu waħda jħallas għas-self li hemm fuq id-dar.

27. Isemmi li minkejja li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha applikat fil-

konfront tal-konvenuta l-konsegwenzi li jissemmew fl-**Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili**, u dan b'effett minn Lulju 2012 bħala d-data meta l-konvenuta hija ħatja tal-firda, huwa ma jistax jifhem kif meta l-komunjoni tal-akkwisti ma teżistix aktar, meta ġew iddivorzjati, il-Qorti tal-Appell ma llikwidatx il-kreditu b'mod tajjeb, ma ngħatax id-dritt li jidħol lura f'daru.

28. Għaldaqstant jgħid li kemm għaliex ma kien hemm l-ebda talba sabiex jiġi ordnat il-bejgħ tad-dar (anzi huwa talab li jibqa' jgħix fid-dar) u kemm għaliex il-konvenuta nstabet ħatja tal-firda u ġie applikat fil-konfront tagħha l-**Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili** u m'hemm ebda ġustifikazzjoni legali u fattwali li d-dar matrimonjali u l-garaxx jinbiegħu. Għalhekk jirreferi għas-**subinċiżi (e), (f), (i)** u **(l) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

29. It-tieni fergħa tal-ilment tar-ritrattand huwa dwar iċ-ċaħda tat-talba tiegħu li r-ritrattata ma tkunx tista' tibqa' tagħmel użu mill-kunjom Z. Ifisser li meta ressaq it-talba kellu jirreferi għall-artikolu tal-liġi (**Artikolu 62 tal-Kodiċi Ċivili**) kif kien fis-seħħ fis-sena 2013 u mhux hekk kif emendat. Jgħid li ma jistax jifhem kif minkejja l-provi voluminużi li hemm, ċjoè fejn ir-ritrattata ssellfet ammonti kbar ta' flus, daħħlitu fi djun enormi, kienet adultera, kienet involuta f'bosta inċidenti kriminali, tkeċċiet mix-xogħol minħabba imġiba abbużiva, iffalsifikat dokumenti, abbużat bil-kanċer li kellu fost oħrajn, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li mhu se jġarrab ebda preġudizzju gravi jekk tibqa' tuża l-kunjom Z. Għaldaqstant jinvoka s-**subinċiżi (e)** u **(i)**. Għal dak li hu l-aħħar subinċiż, jgħid

li filli l-Qorti tal-Appell laqgħet it-talba tiegħu sabiex jitħaddem l-**Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili**, filli kkontradixxiet lilha nnifisha meta qalet li ma ġarrab ebda preġudizzju gravi.

30. It-tielet fergħa tal-ilment tar-ritrattand hija dwar iċ-ċaħda għall-ħatra ta' perit komputista u dan minkejja bosta talbiet li saru u minkejja li l-konvenuta nstabet ħatja tal-firda. Iċ-ċaħda ta' din it-talba jisħaq li wasslet għal taħwida kbira miż-żewġ qrati tal-ammonti dovuti. Jiċħad li spara ċ-ċifri għal dak li huwa l-imgħax. B'hekk jirreferi għas-**subinċiżi (e), (i)** u **(l) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

31. Fl-aħħar nett, ir-ritrattand attur jilmenta dwar il-kap tal-ispejjeż u jgħid li ladarba l-konvenuta nstabet ħatja għall-firda, huwa ma kellux jeħel spejjeż u b'hekk għandu japplika l-**Artikolu 811(e)** u **(i) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

32. Ngħaddu issa għall-ewwel kawżali li fuqha l-attur ritrattandi qiegħed issejjes it-talba tiegħu biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 2024 tiġi mħassra, meta jisħaq li saret applikazzjoni ħażina tal-liġi skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

33. Dan l-artikolu jipprovdi li hemm lok għar-ritrattazzjoni jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin. Il-leġislatur ħaseb li jfisser x'inhi applikazzjoni ħażina

tal-liġi u dan meta jingħad li: *«jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni.»*

34. Din il-Qorti titlaq billi tqis li jkun hemm raġuni tajba ta' ritrattazzjoni taħt din il-kawżali jekk, fuq dawk il-fatti kif jirriżultaw ippruvati, jirriżulta li l-Qorti tkun applikat artikolu tal-liġi flok ieħor li kellu suppost jiġi applikat (ara ***Anika Psaila Savona v. CHI Limited*** maqtugħa minn din il-Qorti fit-18 ta' Ġunju, 2024).

35. Ġie miżmum li fi proċeduri bħal dawk tal-lum, ir-ritrattand għandu d-dmir li jindika mhux biss l-artikolu tal-liġi li ġie injorat fis-sentenza attakkata u li suppost kellu jiġi mħaddem, iżda għandu d-dmir li jindika wkoll liema kien dak l-artikolu tal-liġi li fil-fehma tiegħu tħaddem flok dak it-tajjeb fis-sentenza attakkata (ara ***Frank Calleja v. Charles Paul Attard*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru, 2022, ***Joseph Vella v. Juda Taddeo sive Teddy Borg et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2022 u ***Catherine Cauchi et v. Awtorità tad-Djar et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Novembru, 2023).

36. Tassew taħt il-kawżali ta' tħaddim ħażin tal-liġi, dak li jrid jintwera huwa li s-sentenza attakkata tkun ħaddmet liġi b'oħra, u mhux li ma tħaddmitx liġi li setgħet kienet tgħodd għall-każ iżda li ma ntużatx (ara ***Jeremy S. Harris nomine v. Patrick Spiteri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Lulju, 2023).

37. Is-sentenza għandha titħassar taħt dan il-motiv ta' ritrattazzjoni mhux meta l-Qorti tinterpreta u tapplika l-liġi ħażin iżda meta tapplika liġi flok oħra li tgħodd għall-każ, i.e. mhux għax tkun applikat ħażin il-liġi applikabbli iżda għax tkun applikat il-liġi l-ħażina. Fi kliem ieħor, ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni tal-liġi ħażina meta l-Qorti tkun applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ (ara ***FM Core Limited v. Ministeru ta' Għawdex et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' April, 2023, u ***Nutar Dottor John Cachia Zammit et v. L-Awtorità tal-Artijiet*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Jannar, 2024).

38. Jekk jirriżulta li s-sentenza li tkun qiegħda tiġi attakkata tkun applikat il-liġi korretta għall-fatti tal-każ xorta waħda ma jkunx hemm lok għar-ritrattazzjoni, anki jekk l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti ta' dik il-liġi tkun skorretta (ara ***Jeffrey Mizzi v. John Micallef et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Lulju, 2010). Huwa sewwasew għalhekk illi l-**Artikolu 816 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jitlob li meta r-raġuni għar-ritrattazzjoni tkun l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, dak li jkun għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata (ara ***Parklane Investments Limited v. Luigi Portelli et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2011; u ***Marianna sive Manon Calleja et v. Kummissarju tal-Art***).

39. Minbarra dan, huwa wkoll importanti li wieħed iżomm quddiem għajnejh li biex jista' jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid. Lanqas jistgħu jiġu valutati jew

interpretati b'mod ieħor, għajr kif ġew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata (ara ***Paul Piscopo et v. Kontrollur tad-Dwana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2022; u ***Dr Patrick Spiteri v. Sylvana Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023).

40. Kif rajna, ir-ritrattand jirreferi għal dan is-subinċiż għall-friegħi kollha tar-rikors tiegħu. Biss però, fl-ebda punt ma jsemmi artikolu ieħor tal-liġi li fil-fehma tiegħu kellu jitħaddem minflok dak applikat mill-Qorti tal-Appell.

41. Huwa bil-wisq ċar li dak li dejjaq lir-ritrattand mhux kif din il-Qorti applikat il-liġi iżda sewwasew kif din il-Qorti għarblet u interpretat il-fatti li kellha quddiemha. Dak li qiegħed jagħmel ir-ritrattand huwa li jagħti interpretazzjoni ġdida għall-fatti kif ikkunsidrathom il-Qorti tal-Appell billi jipprova jagħtihom kisja ta' żball ta' liġi (ara s-sentenza fl-ismijiet ***Bernardette Licari v. Combined Industries Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-19 ta' Lulju, 2021 u s-sentenza maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Ġunju, 2024 fl-ismijiet ***Marc Aquilina et v. Giuseppi Aquilina et***).

42. Dak li qiegħed jippretendi r-ritrattand huwa li din il-Qorti teżamina mill-ġdid il-fatti u tgħarbilhom mill-ġdid. Iżda huwa magħruf li dan ma jistax isir. Biżżejjed jingħad li għal dak li hija d-dar matrimonjali, ir-ritrattand jargumenta li minkejja li l-konvenuta nstabet ħatja tal-firda u minkejja li ġie stabbilit li hija midjuna lejh u fil-fehma tiegħu għandha ttih ferm aktar, dan kollu huwa stedina

sabiex din il-Qorti tifli mill-ġdid il-fatti u l-provi sabiex tagħti interpretazzjoni differenti minn dak li waslet għaliha l-Qorti tal-Appell. M'hemm l-ebda kwistjoni dwar applikazzjoni ħażina tal-liġi. Il-liġi li tħaddmet mill-qrati kienet il-waħda li kellha titħaddem effettivament.

43. L-istess jingħad għal dak li hija l-kwistjoni tal-kunjom fejn huwa ċar li l-Qorti tal-Appell qieset li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet tajba. Il-kwistjoni ta' ħatra ta' perit komputista wkoll ma tinkwadrax f'dan is-subinċiż; kif ukoll meta jgħid li rikors tiegħu ma ġiex degretat. Mhix kwistjoni li tħaddem artikolu tal-liġi fuq ieħor. Imbagħad dwar il-kwistjoni tal-kap tal-ispejjeż, l-**Artikolu 223(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili** jipprovdi li f'kull sentenza definittiva l-Qorti għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż. Huwa biss meta kull parti tkun meqjusa bħala telliefa, jew meta jkun hemm xi punt diffiċli biex jiġi determinat, jew għal xi raġuni tajba oħra (**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**), li għandu jkun hemm varjazzjoni minn dan il-prinċipju (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kawżi fl-ismijiet ***John Muscat v. Camray Limited et*** deċiża fit-13 ta' Lulju, 2020 u ***Grace Farrugia et v. Sun Aviation Limited et*** deċiża fis-26 ta' Jannar, 2018). Jidher li l-Qorti tal-Appell qieset sew li ladarba r-ritrattand kien tellief f'xi partijiet mit-talbiet u l-aggravji, kien xieraq u ġust li huwa jġorr persentaġġ mhux kbir ta' parti mill-ispejjeż tal-kawża.

44. Ir-ritrattand jista' ma jaqbilx ma' kif il-Qorti tal-Appell interpretat il-fatti u

għarblet il-provi, imma b'daqshekk dan ma jagħtihx il-jedd li jitlob it-tħassir tas-sentenza fuq il-kawżali tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi. Barra minn hekk, ir-ritrattand qiegħed iwarrab element importanti mir-rekwiżiti msemmija fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi, *«basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressanent tat deċiżjoni»* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Mejju, 2023 fl-ismijiet ***Dr P S v. S S***). Huwa ċar li l-Qorti tal-Appell iddeċidiet abbażi tal-artikli tal-liġi rispettivi kif suppost.

45. Ngħaddu issa għall-ilment tar-ritrattand imsejjes fuq is-**subinċiżi (f)** u **(ġ) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Hekk kif ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Giuseppe Mizzi v. Martin Debrincat et*** maqtugħa fit-12 ta' Diċembru, 2024, hemm lok għar-ritrattazzjoni tas-sentenza jekk il-Qorti fis-sentenza tagħha tagħti xi ħaġa li ma tkunx imdaħħla fit-talba, dik li fil-qasam legali hija magħrufa bħala *extra petita* (ara ***John Aquilina v. Giovanni Coleiro nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 1949). Fi kliem aktar ħafif, ikun hemm każ ta' *extra petita* jekk fis-sentenza l-Qorti tkun iddeċidiet dwar xi ħaġa li m'hemmx talba dwarha (ara ***Carmelo Cachia et v. Olga Mifsud et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2022).

46. Insibu miżmum fil-ġurisprudenza però li m'hemmx każ ta' *extra petita* fejn Qorti tipprovdi rimedju, li għalkemm ma jissemmiex bħala talba espressa, joħroġ *ex necessaria consequentia* minn talba oħra li tkun magħmula (ara ***C G v. Dr I***

***G*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023 u ***Middlesea Insurance p.l.c. v. Emanuel Ciantar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021).

47. Mill-banda l-oħra, hemm lok għar-ritrattazzjoni skont l-**Artikolu 811(g) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jekk il-Qorti fis-sentenza tagħha tagħti iżjed minn dak li jkun intalab, dak li fil-qasam legali huwa magħruf bħala *ultra petita* (ara f'dan is-sens is-sentenza ***Ronald Agius et v. Paul Portelli*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 2007). Biex wieħed jara jekk is-sentenza marritx *extra* jew *ultra petita* huwa meħtieġ li wieħed iħares lejn x'ikun intalab fl-att li bih tkun inbdiet il-kawża (ara ***Marianna sive Manon Calleja et v. Kummissarju tal-Art*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2023).

48. Taħt dawn is-subinċiżi (għalkemm is-**subinċiż (ġ)** ma jinsistix wisq fuqu), ir-ritrattand jargumenta li huwa ma talabx li d-dar matrimonjali għandha tinbiegħ jew agħar minn hekk li din tinbiegħ permezz ta' liċitazzjoni. Anzi huwa talab li jiġi applikat favur tiegħu l-**Artikolu 55A tal-Kodiċi Ċivili** fis-sens li huwa għandu jibqa' joqgħod fid-dar taż-żwieġ ad esklużjoni tal-konvenuta. Jgħid li fiż-żewġ sentenzi m'hemm ebda ġustifikazzjoni għalfejn kellu jallontana ruħu mid-dar matrimonjali.

49. Ir-ritrattand m'għandux raġun u jfalli mill-elementi legali ta' dawn is-

subinċiżi. Qabelxejn permezz tat-talba tiegħu (l), l-attur talab hekk: *«l) Għandu jkun applikat l-**Artiklu 55A tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** fis-sens illi r-Rikorrenti / Attur għandu jibqa' joqgħod fid-dar taż-żwieġ, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, sas-Sentenza definittiva fejn imbagħad il-Qorti tiddikjara, tidderieġi u tordna eżatt a bażi tal-provi li tkun xtarret, semgħet, evalwat u ddeċidiet fuqhom x'sejjer jiġri mid-Dar Matrimonjali fl-Imtarfa a bażi tal-Kuntratt esibit u indikat bħala Dokument MM 6 fir-Raba' Taqsima tal-Kawża odjerna.»* Għaldaqstant, meta ġie ordnat li d-dar matrimonjali għandha tinbiegħ dan kien ordni li kellu direttament x'jaqsam mal-istħarriġ tat-talba tal-istess attur. Kienet waħda mill-kwistjonijiet li l-Ewwel Qorti u warajha l-Qorti tal-Appell kellhom jiddeċiedu dwarha. Barra minn hekk, il-bejgħ ordnat joħroġ *ex necessaria consequentia* mit-talba msemmija dwar l-istess dar.

50. Miżmum dan, ir-ritrattand issejjes it-talba tiegħu għat-tħassir tas-sentenza wkoll fuq is-**subinċiż (i) tal-Artikolu 811** li jispeċifika li dan jista' jintuża b'suċċess jekk fis-sentenza jkun hemm dispożizzjonijiet kontra xulxin.

51. Fuq tema legali, inżamm illi l-kontradizzjoni kontemplata fis-subinċiż **(i) tal-Artikolu 811** trid tirriżulta fid-dispożittiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn tal-aħħar jistgħu jkunu rilevanti biex jitfgħu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni. Il-kontradizzjoni trid tkun tali li d-dispożizzjonijiet fis-sentenza ma jkunux jistgħu jiġu eżegwiti kollha (ara ***Julian Sammut et nomine. v. Marlene sive Mary Mizzi et***. deċiża mill-Qorti tal-Appell

Superjuri fit-30 ta' Ġunju, 2003; ***Bernardette Gatt et v. Alessandro sive Sandro Cassano et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar id-9 ta' Frar, 2023). Il kontradizzjoni trid tkun tax-xorta li tippreġudika l-eżekuzzjoni tas sentenza minħabba li din toħloq inċertezza dwar id-deċiżjoni finali tal Qorti (ara ***Anthony Mario Vella et v. HSBC Bank Malta plc et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2017). Mod ieħor, sabiex ikun jista' jingħad illi fl istess sentenza jinsabu dispożizzjonijiet kontradittorji ta' xulxin, jeħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jeliminaw lil xulxin, b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu mwettqin kollha. (ara ***Carmen Grixti v. Dr. Ivan Grixti*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023). Issokta jinżamm illi l-**Artikolu 811 (i) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jistax jiġi nvokat jekk kemm-il darba s-sentenza attakkata jkun fiha dispożittiv wieħed (ara s-sentenzi deċiżi mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Joseph Agius et. v. Golu Spiteri***, u ***Giuseppe Mizzi et. v. Martin Debrincat et*** maqtugħa fil-31 ta' Mejju, 2019; u t-12 ta' Diċembru, 2024 rispettivament).

52. Din il-Qorti mhux se taħli wisq ħin fuq dan il-punt.

53. Fil-każ tal-lum m'hemm l-ebda kunflitt fil-parti dispożittiva tas-sentenza attakkata. M'hemm l-ebda dispożizzjoni li tmur kontra oħra. Mod ieħor, kull dispożizzjoni li hemm fid-*decide* timxi id f'id ma ta' qabilha. L-ilment tar-ritrattand jiċċentra fuq partijiet fis-sentenza attakkata billi huwa jippretendi li għaliex il-konvenuta nstabet ħatja tal-firda u għandha ttih ammont ta' flus, mela allura s-

sehem indiviż tagħha tad-dar kellu jgħaddi fuqu. Dan apparti l-insistenza kbira tiegħu li l-kalkoli li saru ta' kemm għandha ttih mhux tajbin.

54. Il-Qorti tal-Appell applikat is-sanzjoni tal-**Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili** minn Lulju 2012, biss però r-ritrattand u r-ritrattata kienu ilhom snin miżżewġin u għalhekk kien għad hemm konsistenza fil-komunjoni tal-akkwisti. Hekk kif qalet il-Qorti, ladarba l-attur għandu titlu eżekuttiv kontra l-konvenuta għandu l-mezzi legali biex jenforzah. Għalhekk mhu minnu xejn l-argument li s-sentenza ma tistax tiġi eżegwita. Lanqas il-fatt li s-sehem indiviż tal-konvenuta hu ipotekat mhu ta' xkiel għall-eżekuzzjoni tas-sentenza.

55. Taħt dan is-subinċiż, ir-ritrattand isemmi wkoll iċ-ċaħda tal-perit komputista. Barra mill-fatt li m'hemm l-ebda ċaħda għall-ħatra ta' perit komputista fil-parti dispożittiva tas-sentenza, hu ċar li l-Qorti tal-Appell ikkunsidrat l-ammonti u wara li fliet il-provi qablet mal-istess konklużjoni li waslet għaliha Ewwel Qorti.

56. Jifdal issa li jitqies is-**subinċiż (l) tal-Artikolu 811**, ċjoè li s-sentenza attakkata titħassar jekk kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Jitqies li hemm żball fil-każ biss li d deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie

deċiż bis-sentenza.

57. Jeħtieġ għalhekk naraw jekk is-sentenza attakkata ngħatatx fuq il-preżunzjoni tal-assenza ta’ fatt li fil-verità jeżisti mill-atti. F’dan ir-rigward, il-Qorti mhijiex mitluba tgħid jekk l-apprezzament tal-fatt jew l-assenza tiegħu mwettaq fis-sentenza attakkata kienx wieħed tajjeb jew le. Lanqas li tgħarbel jekk il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza attakkata, li wasslu għas-suppożizzjoni tal-eżistenza jew l-assenza ta’ dak il-fatt, kinux tajba jew ħżiena (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Prokuratur Legali Joseph Zammit nomine v. Michael Fenech proprio et nomine*** deċiża fil-31 ta’ Awwissu 2021).

58. Sabiex ir-ritrattand jirnexxi fit-talba tiegħu msejsa fuq din ir-raġuni jeħtieġ turi li s-sentenza attakkata hija bbażata fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament fis-sentenza, basta li l-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza. Dwar x’għandu jkun l-iżball imsemmi fl-**Artikolu 811(l)**, inżamm illi l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta’ fatt fis-sens illi jkun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta’ ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan mhuwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri***

maqtugħa fis-26 ta’ Marzu 2021).

59. B’żieda ma’ dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta’ sentenza u s smigħ mill-ġdid tal-kawża jrid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza. B’dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta’ fatt manifest, tkun tista’ tiġi mod ieħor imwieżna b’raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie kkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata (ara ***Salvino Testaferrata Moroni Viani et v. David Vella nomine*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta’ Settembru 2004; u dik deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta’ Frar, 2025 fl-ismijiet ***Erson Mifsud v. TEC Limited***).

60. Ir-ritrattand ma jfissirx bi preċiż liema huwa dan is-suppost żball ħlief li jirreferi għall-paragrafi ta’ qabel fejn tkellem fuq it-tħaddim tal-**Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili**, fuq l-ordni ta’ bejgħ tad-dar. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Appell ma nkorriet f’ebda żball. Mod ieħor, jirriżulta li xtarret id-dokumenti u x-xhieda mogħtija b’mod tajjeb u ddeċidiet bil-mod kif iddeċidiet. Dak li qiegħed jilmenta minnu r-ritrattand mhux l-iżball kif trid il-liġi. Aktar minn kollox huwa pretensjoni li l-konvenuta ma tieħu assolutament xejn mid-dar minħabba l-imġiba tagħha kif imfisser minnu fir-rikors tallum. Il-Qorti tal-Appell ma kinitx tal-istess fehma wara li ħadet kunsiderazzjoni tal-atti kollha.

61. Għaldaqstant it-talba tar-ritrattand mhux mistħoqqa.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** it-talba ta' Z1 għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 2024, bl-ispejjeż jinġarru kollha mill-istess attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti | Christian Falzon Scerri | Josette Demicoli |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb